MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GUDIKATURA KRIMINALI)
# KUMPILAZZJONIJIET - NORMALI

## MAGISTRAT DR.
## LOFARO ABIGAIL LL.D., DIP. STUD. REL., MAG., JURIS (EU LAW)

Seduta ta' l-1 ta' Novembru, 2002

Numru 52/1999

Il-Pulizija
(Spettur Stephen J Gatt)
vs
Carmelo Mallia

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat fuq imsemmi Carmelo Mallia, iben Emanuel u Nicholina Borg, imwieled fit-23 ta' Settembru, 1949 u dententur tal-karta tal-identita numru 783549(M), li permezz taghhom huwa gie akkuzat talli matul dawn l-ahhar snin mill-24.1.99 fl-Imsida kif ukoll gewwa bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer Maltin, b'diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti li jkunu jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u jkunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda :

1. Xjentement ghex, ghal kollox jew f'parti minn fuq il-qligh tal-prostituzzjoni ta' Mary Portelli u dan bi ksur ta' Artikolu 7(1) (3) tal-Kap. 63 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Sabiex jissodisfa iz-zina ta' haddiehor, gieghel bil-vjolenza, jew hajjar b'qerq lil Mary Portelli, mara ta' l-eta', ghall-prostituzzjoni u dan bi ksur tal-Artikolu 205 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Uza vjolenza sabiex igieghel lil Mary Portelli taghmel xi haga u dan bi ksur tal-Artikolu 251(1) u (2) tal-Kodici Kriminali Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Talli ghamel lil Mary Portelli ingurji jew theddid u jekk kien ipprovokat ingurja b'mod li hareg barra mil-limiti tal-provokazzjoni;

5. Talli minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, zamm arma tan-nar jew munizjon gewwa l-fond Flat 6, Block F, Qasam tal-Menhir, Kirkop u dan bi ksur tal-Artiklu 3 tal-Kap. 66 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. Talli fl-istess cirkostanzi minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija kellu fil-pussess jew kontrol tieghu arma tan-nar jew munizjon u dan bi ksur tal-Artikolu 3 (1a) tal-Kap. 66 tal-Ligijiet ta' Malta;

7. Talli fl-istess cirkostanzi meta gie fil-pussess ta' arma tan-nar jew munizzjon, naqas li jaghti avviz taghhom lill-Kummissarju tal-Pulizija;

8. Talli garr jew kellu fil-pussess tieghu arma tan-nar barra mill-pocket kif ukoll ikkargata f'post ipprojbit;

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija tordna il-konfiska tal-arma tan-nar tal-ghamla Valtro kalibru 9mm li ghandha numru tar-registrazzjoni F21845 kif ukoll il-munizzjon;

Rat in-Nota tal-Avukat Generali tas-7 ta' Marzu, 2001 li permezz taghha deherlu li tista tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub fl-Artikoli 7(1)(3) tal-Kap. 63 u fl-Artikoli 2, 3, 9, 19, 23, 26 u 27 tal-Kap. 66 fl-Artikoli 205,

251(1), 251(2), 339(1)(e), 17(b), 17(c), 20, 22, 30, 23, u 533 tal-Kodici Kriminali u semghet lill-imputat fuq imsemmi iwiegeb li ma kellux oggezzjoni illi l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti.

Semghet lix-xhieda kollha li gew prodotti;

Rat il-provi li tressqu, id-dokumenti esebiti u l-atti ta' dan il-procediment;

Semghet it-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni u tad-difiza;

Ikkunsidrat :

Illi l-fatti li taw lok ghall-imputazzjonijiet odjerni huma is-segwenti :

Talli f'dawn il-Gzejjer fl-24 ta' Jannar, 1999 u matul l-erbatax il-sena precedenti, b'diversi atti maghmulin minnu wkoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

1. Heba jew wera haga b'ohra tal-veri xorta, provenjenza, lok, dispozizzjoni, moviment ta' jeddijiet rigward, fi jew fuq propjeta', meta dan kien jaf li dik il-propjeta' kienet inkisbet direttament jew indirettament minn attivita' kriminali jew minn att jew atti ta' partecipazzjoni f'attivita' kriminali, u dan bi vjolazzjoni ta' l-Artikolu 3 tal-Att XIX tal-1994 kontra l-Money Laundering;

2. Akkwista propjeta' meta kien jaf li l-istess proprjeta' kienet inkisbet jew originat direttament jew indirettament minn attivita' kriminali jew minn att jew atti ta' partecipazzjoni f'attivita' kriminali u dan bi vjolazzjoni ta' l-Artikolu 3 tal-Att XIX tal-1994 kontra l-Money Laundering;

3. Bir-ritensjoni minghajr skuza ragonevoli ta' propjeta' meta kien jaf li l-istess propjeta' kienet inkisbet jew originat direttament jew indirettament minn attivita' kriminali jew att ta' partecipazzjoni f'attivita kriminali, u dan

bi vjolazzjoni ta' l-Artikolu 3 tal-Att XIX tal-1994 kontra l-Money Laundering;

4. Bit-tentattiv ta' xi hwejjeg jew attivitajiet definiti fis-sub-paragrafi (I), (ii), (iii) u (iv) tal-artikolu 2 ta' l-Att X1X tal-1994 kontra l-Money Laundering;

5. Zamm jew xjentement ghen biex jinzamm persuna, kontra r-rieda taghha, f'burdell jew f'lokal iehor uzat bi drawwa ghal skop ta' prostituzzjoni, ukoll jekk din l-persuna tkun marret hemm minn rajha u baqghet hemm biex tezercita l-prostituzzjoni, u dan ai termini ta' l-Artikolu 5 tal-Ordinanza dwar il-Qirda tal-Kummerc fil-Prostituzzjoni, Kap. 63 ta' l-Ligijiet ta' Malta;

6. Xjentement ghex ghal kollox jew f'parti mill-qliegh tal-prostituzzjoni ta' persuna ohra u cioe' ta' Mary Portelli, u dan ai termini ta' l-Artikolu 7 tal-Ordinanza dwar il-Qirda tal-Kummerc fil-prostituzzjoni, Kap. 63 tal-Ligijiet ta' Malta;

7. Zamm jew ezercita jew kellu sehem ma ohrajn fl-ezercizzju ta' burdell jew ta' dar, hanut jew lokal iehor jew ta' xi parti minnhom li huma ffrekwentati jew maghduda bhala li huma ffrekwentati ghal skop ta' prostituzzjoni jew ghal skopijiet ohra immorali, u dan ai termini ta' l-Artikolu 8 tal-Ordinanza dwar il-Qirda tal-Kummerc fil-Prostituzzjoni, Kap. 63 tal-Ligijiet ta' Malta;

8. Sabiex jissodisfa z-zina ta' haddiehor, gieghel bil-vjolenza, jew hajjar b'qerq persuna ta' l-eta', u cioe' lil Mary Portelli, ghall-prostituzzjoni u dan bi drawwa jew bi hsieb ta' qligh, u dan ai termini ta' l-Artikolu 205 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

9. Uza vjolenza sabiex gieghel lil Mary Portelli taghmel xi haga, thalli jsir, jew tonqos milli taghmel xi haga u dan ai termini ta' l-Artikolu 251 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

10. Ingurja jew hedded lil Mary Portelli, u jekk kien ipprovokat ingurja b'mod li hareg il-barra mil-limiti tal-

provokazzjoni u dan ai termini tal-Artikoli 255, 339(d) u (e) tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

11. U aktar talli fl-24 ta’ Jannar, 1999 u fiz-zminijiet ta’ qabel, f’dawn il-Gzejjer, ha sehem f’xi loghoba ta’ sogru li tintlab ghall-flus jew valur ta’ flus, gewwa xi fond li ma kellux licenzja taht l-Att X ta’ l-1998 dwar il-Loghob jew bi ksur tad-dispozizzjonijiet ta’ l-istess Att jew bi ksur ta’ xi kondizzjoni imposta f’xi licenzja mahruga taht dan l-istess Att, u dan ai termini ta’ l-Artikoli 42, 46(1)(2) u 48 ta’ l-Att X ta’ l-1998 dwar il-Loghob;

12. U aktar talli fl-istess zminijiet u cirkostanzi ghamel jew ipprova jaghmel jew b’xi mod kellu x’jaqsam ma’ l-eghmil ta’ xi mhatra maghduda mhatra li ghandha x’taqsam ma xi loghba, sport jew grajja f’Malta jew x’imkien iehor, jew kien presenti f’xi post fejn ikun qed issir xi imhatra, u dan ai termini ta’ l-Artikoli 338(ii) tal-Kodici Kriminali Kap. 9 ta’ l-Ligijiet ta’ Malta;

13. U aktar talli fl-24 ta’ Jannar, 1999 u fil-perjodu immedjetament ta’ qabel f’dawn il-Gzejjer, instab li xjentement kellu fil-pussess u / jew taht il-kontroll tieghu, pistola tal-ghamla ‘Valtro’ bin-numru tas-serje F21845, kif ukoll 37 balla, l-importazzjoni ta’ liema oggetti hija projbita u / jew ristretta, filwaqt li l-istess oggetti huma soggetti wkoll ghat-Taxxa tas-Sisa fuq l-importazzjoni (E.T.I.), liema dazju / E.T.I. Ma gewx imhallsa, u dan ai temrini ta’ l-Artikolu 60(a), (b), (c), (k), l-Artikolu 62(a), (b), (c), (f), (g), (h), (i) kif ukoll tal-paragrafu (a) tal-Proviso ta’ l-Artikolu 62, ta’ l-Ordinanza tad-Dwana Kap. 37, kif ukoll bi ksur ta’ l-Att X11 ta’ l-1997 dwar it-Taxxa tad-Dwana u Sisa, tal-Ligijiet ta’ Malta;

14. U aktar talli fl-istess zminijiet u cirkostanzi, gie f’pussess ta’ arma tan-nar jew munizzjon, xort’ohra milli b’licenzja, u ma tax l-avviz lill-Kummissarju tal-Pulizija ai termini ta’ l-Artikolu 9 tal-Ordinanza dwar l-Armi, Kap. 66 tal-Ligijiet ta’ Malta;

15. U aktar talli fl-24 ta’ Jannar, 1999, u fit-23 jum li jigu qabel din id-data, instab li xjentement kellu fil-pussess u /

jew taht il-kontroll tieghu, pistola tal-marka ‘Valtro’ bin-numru tas-Serje F21845 kif ukoll 37 balla li l-importazzjoni taghhom hija projbita u / jew ristretta, tal-valur ta’ LM20 u LM5.55 rispettivament, Dazju LM1.62c u LM0.45c rispettivament, valur totali ta’ LM27.62 u li fuqhom kellha tithallas Taxxa fuq il-Valur Mizjud, liema taxxa tammonta ghal LM4.14c, liema taxxa ma gietx imhallsa u jew kawtelata u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 80 ta’ l-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att Nru. XX111 ta’ l-1998);

16. U aktar talli fil-31 ta’ Dicembru 1998 u fi zmien li jigi qabel din id-data, instab li xjentement kellu fil-pussess u / jew taht il-kontroll tieghu pistola tal-marka ‘Valtro’ bin-numru tas-Serje F21845 kif ukoll 37 balla li l-importazzjoni taghhom hija projbita u / jew ristretta, tal-valur ta’ LM20 u LM5.55c rispettivament, valur totali LM25.55c u li fuqhom kellha tithallas Taxxa tas-Sisa fuq l-importazzjoni, li tammonta ghal LM3.82.5, liema taxxa ma gietx imhalsa u / jew kawtelata, u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 69 ta’ l-Att dwar it-Taxxa tad-Dwana u tas-Sisa (Att Nru. X11 ta’ l-1997);

Il-Qorti giet mitluba li minbarra li tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna l-konfiska u t-thehid tal-propjeta’ tal-imputat jew li hi fil-pussess jew kontroll tieghu, inkluz :
1) Il-fond Nru 6, Flat 1, Enrico Mizzi Street, Gzira;
2) Il-fond, ‘maisonette’ bla isem, sitwata fi Triq B. Bontadini, Mriehel, limiti ta’ Birkirkara;
3) Il-flejjes misjuba u esebiti fil-kawza odjerna;
4) Id-deheb kollu misjub u esebit fil-kawza odjerna;
5) Il-vettura tal-ghamla Peugeot ta’ kulur abjad numru ta’ registrazzjoni KIR-249
u dan ai termini tal-Artikolu 23 tal-Kodici Kriminali Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tal-Artikolu 3 tal-Att XIX ta’ l-1994 u tal-Artikolu 46 ta’ l-Att X ta’ l-1998 dwar il-Loghob;

4) L-arma tan-nar tal-ghamla ‘Valtro’, b’kalibru ta’ 9mm, li ghandha n-numru ta’ registrazzjoni F21845, u tal-munizzjon misjub u cioe’ ta’ 37 balla,
u dan ai terminu ta’ l-Artikolu 23 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tal-Artikolu 60(a), (b), (c) u (k) ta’ l-

ordinanza tad-Dwana Kap. 37 ta' l-Ligijiet ta' Malta kif ukoll tal-Artikolu 19 tal-Kap. 66 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi fl-24 ta' Jannar, 1999 Mary Portelli kienet ghamlet rapport l-ghassa tal-Imsida fejn allegat illi Carmelo Mallia, l-imputat odjern ghal dawk l-ahhar 14 il-sena qabel ma hija ghamlet ir-rapport kien qieghed jghix minn fuq il-qligh tal-prostituzzjoni taghha. Mary Portelli, dejjem skond l-Ispettur Stephen Gatt, allegat illi qeghda tibza mill-imputat u ma setghetx tissaporti aktar is-sitwazzjoni u illi riedet tirranga hajjitha ghall-ahjar. Mary Portelli kompliet tghid lill-Ispettur Gatt illi kienet tghix ma Carmelo Mallia, l-imputat u li minnu kellha tifla li tghix ma oht l-imputat B'Kara. Skond l-Ispettur Gatt Mary Portelli kompliet tghidlu illi minn kemm ilha li iltaqghet mal-imputat, l-imputat kien beda inizilha ghall-prostituzzjoni l-Gzira, l-Imsida, l-Marsa u ghal matul l-ahhar erba' snin qabel ma ghamlet ir-rapport l-imputat kien qieghed igieghelha tuza d-dar mikrija lilha, Pace House, Enrico Mizzi Street, Msida wkoll ghal xoghol ta' prostituzzjoni.

Illi ta' dan ix-xoghol l-imputat qatt ma taha sold u dana minkejja l-fatt illi l-klijenti minn dejjem hallsu ghas-servizz li tathom. Skond l-Ispettur Gatt, Mary Portelli qaltlu illi l-imputat kien imur id-dar taghha jigbor il-flus u dan kien jaghmlu tlett darbiet kulljum. Huwa kien ihallsilha l-bzonnijiet kollha taghha u kien jixtrilha kulma kellha bzonn. Kull meta ippruvat tieqaf minn din il-hajja l-imputat kien dejjem jheddidha li jekk titilqu ikun jaqblilha titlaq mill-pajjiz ghaliex jekk isibha joqtolha u jekk titfghu l-habs jghid lil haddiehor biex joqtolha u jhallsu sabiex jaghmel dan. Skond l-Ispettur Gatt, Portelli kienet qaltlu illi l-imputat kellu pistola u kien izomm pistola ohra ikkargata fejn jghix hu Hal-Kirkop. Huwa kien jheddidha wkoll illi jekk titilqu ma kienitx ser tara aktar lit-tifla taghha. Mary Portelli kienet qalet lill-Ispettur Gatt illi mix-xoghol ta' prostituzzjoni kienet taqla bejn tmenin lira u mitt lira kulljum. Hija qalet ukoll lill-Ufficjal Prosekutur illi kullma ghandhom hi u l-imputat kien kollu imhallas mill-flus illi ghamlet minn xoghol ta' prostituzzjoni u dawn kienu jinkludu wkoll dar li tiswa tlieta u ghoxrin elf lira fl-Imriehel li ghadha gebel u saqaf, flat fl-Imsida, f'Charles Flats li jigi

bieb ma bieb mad-dar Pace House, il-vettura Peugeot li ghadha gdida, kif ukoll deheb u gojjellerija ohra. Dawn kollha inxtraw, skond ma qalet Portelli lill-Ispettur Gatt, mix-xoghol illi kienet ghamlet hi ta' prostituzzjoni. Portelli kienet qalet ukoll illi l-imputat ma jahdimx u jghix fuq is-sigurta socjali.

Illi l-pulizija arrestat lill-imputat fuq imsemmi u fil-vettura tal-ghamla Peugeot, liema vettura hija registrata f'isem Mary Portelli, instab basket tal-plastik li fih kien hemm oggetti ta' gojjellerija illi l-imputat qal li kienu jappartjenu lil Mary Portelli u kienu qeghdin fil-vettura ghal "safe keeping". Saret tfittxija wkoll fir-residenza ta' Hal-Kirkop fejn joqghod l-imputat u hemm hekk insabet mohbija pistola tal-ghamla Veltro numru ta' registrazzjoni F21845 li fih kellu magazin li kien loaded b'hames bullets u maghhom f'borza ohra kien hemm tnejn u tletin balla live. Instabu wkoll f'diversi laned f'containers fil-kcina u f'vazuni is-somma ta' tlett elef mitejn u ghaxar liri.

Illi l-imputat irrilaxxja stqarrija lill-pulizija fejn qal illi kien jaf lil Mary Portelli, kien ilu jghix maghha 14 il-sena u ghandu tifla minnha ta' ghaxar snin jisimha Kirby. Huwa stqarr wkoll li Mary Portelli kellha post f'Enrico Mizzi Street, Msida li tuzah ghaliex meta jiggieldu tmur toqghod hemm hekk. Huwa qal illi ma jafx illi Mary Portelli taghmel xoghol ta' prostituzzjoni u li tuza l-post fejn toqghod ghal skop ta' prostituzzjoni. L-imputat kompla jghid li qatt ma jmur ghand Mary Portelli l-Gzira peress illi tigi d-dar tieghu hi. L-imputat qal illi Mary Portelli ma tahdimx u illi l-flus illi sabu l-pulizija fir-residenza tieghu huma tieghu peress illi igemma l-flus. L-imputat kompla jghid illi l-vettura tal-ghamla Peugeot mhix tieghu izda tappartjeni lil Mary Portelli u li l-flus li instabu fid-dar tieghu kienu dak li kien ghad fadal mir-rebha li ghamel. Huwa stqarr ukoll illi l-ghamara li kellu fil-fond tal-Hal-Kirkop kienet xtratha Mary Portelli. Dwar il-post ta' B'Kara illi xtrawh bi shab hu u Mary Portelli l-imputat qal illi Portelli harget sehma, harget tnax il-elf u hames mitt lira Maltin (LM12,500) u hu ma jafx minn fejn gabet dawn il-flus. L-imputat stqarr illi kien rebah hamsa u ghoxrin elf lira f'imhatra illi ghamel fi zmien l-elezzjoni tan-1998. Huwa rebahhom minn fuq il-laghba,

pero’ nesa min kien is-sensar li kien izomm il-flus tal-loghob. L-imputat kompla jghid illi gieli rebah xi elf u hames mitt lira fil-lottu u dan mhux darba jew tnejn. L-imputat ammetta wkoll illi hu u Mary kellhom flat fi Triq Enrico Mizzi Street, il-Gzira li tieghu jiehdu renta ta’ mitejn lira (LM200) fix-xahar u jaqsmuhom hu u Portelli. Huwa cahad illi qatt hedded lil Mary Portelli u cahad illi kien jiehu lil Mary Portelli l-Gzira kulljum. L-imputat ammetta illi gieli xtara xi oggetti tad-deheb ghal Mary Portelli minghand Joseph Louis ta’ Santa Venera. Huwa qal illi kull meta tkun trid xi deheb huwa jixtrihulha, pero’ taghtih il-flus hi, jigifieri Mary Portelli, u minn fejn iggib il-flus huwa ma jafx. Hu lanqas qatt ma staqsiha minn fejn iggib il-flus, lanqas il-flus sabiex xtrat il-vettura tal-ghamla Peugeot. Dwar l-arma tan-nar li instabet fid-dar tieghu, l-imputat qal illi kienet tieghu, xtraha minghand Gharbi li kien il-Belt xi sitt xhur qabel ghall-prezz ta’ tmenin lira (LM80). Huwa qal illi qatt ma kien spara din l-arma. L-imputat cahad illi qatt hedded lil Mary Portelli permezz ta’ din l-arma tan-nar u ammetta li hu u Mary Portelli ghandhom safety deposit box fil-Bank ta’ Hal-Qormi.

Ikkunsidrat :

Illi waqt is-seduta tal-24 ta’ Mejju, 1999, xehdet bil-gurament taghha Mary Portelli u minn jeddha u volontarjament qalet illi xtaqet tirtira r-rapporti kollha li kienet ghamlet kontra l-imputat fuq imsemmi, kemm ir-rapporti illi ghamlet lill-Ispettur Stephen Gatt, kif ukoll dak li kien hemm rappurtat fir-rikors tal-Kummissarju tal-Pulizija tat-12 ta’ Mejju, 1999 u precizament ir-rapport tal-11 ta’ Mejju, 1999. Hija xehdet illi kienet taf li b’kollox ghamlet xi tlett rapporti u dawn xtaqet tirtirhom. Mistoqsija diversi domandi ohrajn mill-Ufficjal Prosekutur Mary Portelli ghazlet illi ma tixhidx peress illi setghet tinkrimina ruhha bir-risposti taghha.

Illi xehed l-Ispettur Stephen Gatt fis-sens illi kien ghamel ricerka u minn din ir-ricerka kien irrizultalu li l-imputat fuq imsemmi ma kellu l-ebda licenzja sabiex ikun jista jzomm arma tan-nar.

Ikkunsidrat :

Illi d-difiza talbet illi l-Qorti tisfilza x-xhieda u l-istqarrija ta’ Mary Portelli kif redatta a fol. 31 tal-process verbal, u dan in vista tal-fatt illi Mary Portelli ma xehditx f’dawn il-proceduri, anzi xehdet sabiex rtirat ir-rapporti kollha illi kienet ghamlet lill-pulizija.

Illi l-Ufficjal Prosekutur, wara li kien ikkonsulta ruhu mal-Avukat Generali, qabel mad-dikjarazzjoni illi ghamlet id-difiza u ghaldaqstant il-Qorti laqghet it-talba tad-difiza bi qbil wkoll mal-Prosekuzzjoni u ordnat l-isfilz tax-xhieda u tal-istqarrija tal-imsemmija Mary Portelli kif redatta fil-process verbal.

Ikkunsidrat :

Illi certament ma gewx ippruvati bl-ebda mod l-akkuzi ta’ hasil ta’ flus u dana anke skond kif jirrizulta mill-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali permezz tan-Nota tieghu tas-7 ta’ Marzu, 2001 li tinsab a fol. 338 tal-process u ghaldaqstant l-imputat fuq imsemmi qieghed jigi liberat mill-ewwel, t-tieni, it-tielet u ir-raba’ imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.

Illi wkoll l-imputat qieghed jigi liberat mill-hames, mis-sitt, mis-seba’, mit-tmin u mid-disa’ u mill-ghaxar imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, liema imputazzjonijiet jirrigwardaw lil Mary Portelli u dana peress illi Mary Portelli xehdet biss sabiex tirtira r-rapporti taghha u l-Prosekuzzjoni, wara li ikkonsultat ruhha mal-Avukat Generali, qablet illi kemm ix-xhieda, kif ukoll l-istqarrija ta’ Mary Portelli kellhom jigu sfilzati mill-process u dana peress illi ma kellhom l-ebda valur probatorju.

Illi, fuq nuqqas ta’ provi da parti tal-Prosekuzzjoni, l-imputat qieghed jigi wkoll liberat mill-hdax u mit-tnax il-akkuza migjuba kontra tieghu.

Jibqa ghalhekk illi l-Qorti tikkunsidera it-tlettax, l-erbaghtax, il-hmistax u s-sittax il-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat.

Ikkunsidrat :

Illi kull ma gie ippruvat dwar l-arma, l-pistola tal-ghamla Veltro u l-munizzjon taghha fil-konfront tal-imputat odjern kien illi meta l-pulizija ghamlu raid fil-fond tieghu huma sabu din il-pistola hemm hekk.

Illi dak illi gie ippruvat kien illi l-imputat kellu il-pussess ta' din il-pistola u mhux illi l-arma fil-fatt kienet tieghu u ghalhekk ma gie ippruvat bl-ebda mod illi l-imputat ma hallasx it-taxxa tas-SISA u l-importazzjoni fuq din il-pistola, u ma hallasx it-taxxa fuq il-valur mizjud, kemm fuq il-pistola, kif ukoll fuq il-munizjon taghha. Ghaldaqstant l-imputat qieghed jigi liberat ukoll mit-tlettax, mill-hmistax u mis-sittax l-imputazzjoni dedotti kontra tieghu u dana peress illi kull ma gie ippruvat kien illi l-imputat kellu semplicement il-pussess ta' din l-arma.

Illi lanqas hemm bzonn illi jinghad illi fil-kamp penali l-prosekuzzjoni trid tipprova l-akkuzi sal-grad lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni.

Illi certament fil-kaz odjern il-prosekuzzjoni ma lahqitx dan il-livell ta' prova.

Illi l-imputat qieghed ghalhekk jigi misjub hati biss tal-erbaghtax il-imputazzjoni migjuba kontra tieghu, dik illi gie f'pussess ta' arma tan-nar jew munizjon xorta ohra milli b'licenzja u ma tax l-avviz lill-Kummissarju tal-Pulizija ai termini tal-Artikolu 9 tal-Kap. 66 tal-Ligijiet ta' Malta. Ghaldaqstant il-Qorti qeghda tiddikjara lill-imputat hati tal-erbaghtax il-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u dana wara illi l-Qorti rat l-Artikoli 2, 3, 9, 19, 23, 26 u 27 tal-Kap. 66 tal-Ligijiet ta' Malta u filwaqt li qeghda tikkundannah ghall-multa ta' tletin lira (LM30), tikkundannah ukoll ghall-prigunerija ta' ghaxar tijiem illi minnha ghandu jitnaqqas kull zmien illi l-imputat ghamel taht arrest preventiv.

Il-Qorti tordna l-konfiska tal-arma u tal-munizjon imsemmija ai termini tal-Artikolu 19 tal-Kap. 66 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti qeghda tillibera lill-imputat fuq imsemmi mill-imputazzjonijiet kollha l-ohrajn migjuba kontra tieghu u qeghda tichad it-talba tal-Prosekuzzjoni ghall-konfiska u t-tehid tal-proprjeta tal-imputat, inkluz il-fond Nru 6 Flat 1, Enrico Mizzi Street, Gzira, il-fond maisonette bla isem sitwata fi Triq B, Bontadini, Imriehel, il-flejjes misjuba u esebiti fil-kawza odjerna, id-deheb kollu misjub u esebit fil-kawza odjerna, u il-vettura tal-ghamla Peugeot ta' lewn abjad, numru ta' registrazzjoni KIR249.

(ft) Rita Saliba
Deputat Registratur

Vera kopja,

Deputat Registratur